

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' April 2008

li temenda d-Deċiżjoni 2000/57/KE b'rigward avvenimenti li għandhom jiġu rrapportati fi ħdan sistema ta' twissija u tweġiba bikrija għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard li jittieħed

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 1574)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/351/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Settembru 1998 dwar l-istabiliment ta' netwerk għas-sorveljanza epidemoloġika u kontroll ta' mard li jinxtred fil-Komunità <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari Artikoli 1 u 7 tagħha,

Billi:

- (1) L-Anness I tad-Deċiżjoni 2000/57/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar is-sistema ta' twissija u tweġiba bikrija għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard li jittieħed skond id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup> jistipula ġrajjiet li għandhom jiġu rrapportati mill-awtoritajiet tas-saħħa kompetenti pubbliċi ta' kull Stat Membru fi ħdan dik is-sistema.
- (2) Is-sistema ta' twissija u tweġiba bikrija tan-netwerk Komunitarju għandha tiġi riżervata għal daww il-ġrajjiet definiti fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2000/96/KE <sup>(3)</sup>, jew mard ieħor li jittieħed skond l-Artikolu 7 ta' dik id-Deċiżjoni, li, weħidhom jew f'assoċjazzjoni ma' ġrajjiet oħra simili, għandhom jew jista' jkollhom il-potenzjal li jsiru theddid għas-saħħa pubblika.
- (3) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-30 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2006, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea qies li l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u n-netwerk Komunitarju skond id-Deċiżjoni Nru 2119.98.KR għandha tiġi mtarfa dwar l-emerġenzi potenzjali tas-saħħa pubblika ta' tħassib internazzjonali fl-istess ħin bħan-netwerk Komunitarju, biex jiġi evitat kwalunkwe dewmien.
- (4) Skond ir-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005) li daħlu fis-seħħ fil-15 ta' Ġunju 2007, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jgħarrfu jew jikkonsultaw l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar ċerti ġrajjiet pubbliċi tas-saħħa, b'mod partikolari daww li jistgħu jkunu ta' emerġenza tas-saħħa pubblika ta'

tħassib internazzjonali, kif ukoll dwar kwalunkwe miżura tas-saħħa implimentata bħala rispons għal daww il-ġrajjiet.

- (5) Dawn l-avviżi u konsultazzjonijiet rigward il-mard li jittiehd skond l-Anness tad-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE għandhom jiġu mtarfa permezz tas-sistema ta' twissija u tweġiba bikrija stabbilita mid-Deċiżjoni 2000/57/KR fl-istess ħin bħall l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, biex jiġi żgurati li l-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra jkunu infurmati mill-aktar fis.
- (6) L-Anness I tad-Deċiżjoni 2000/57/KE għandu għalhekk jiġi emendat.
- (7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2000/57/KE hu emendat skond l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Mejju 2008.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 28 ta' April 2008.

Għall-Kummissjoni

Androulla VASSILIOU

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 268, 3.10.1998, p. 1. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/875/KE (ĠU L 344, 28.12.2007, p. 48).

<sup>(2)</sup> ĠU L 21, 26.1.2000, p. 32.

<sup>(3)</sup> ĠU L 28, 3.2.2000, p. 50. Id-Deċiżjoni kif emendat l-aħħar mid-Deċiżjoni 2007/875/KE.

## ANNEX

Fl-Anness I għad-Direttiva 2000/57/KE, il-punt 5 li ġej huwa miżjud:

- “5. Manifestazzjoni ta' marda jew okkorrenza li toħloq potenzjal għal marda skond l-Artikolu 1 tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005) li hi marda li tittieħed għandha tiġi mtarfa lill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa skond l-Artikolu 6 tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005).”
-